MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 99/8

It-Tlieta 10 ta` Ottubru 2023

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
George Fenech – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Marija Micallef – Vici Sindku

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

099.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

099.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

099.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

099.4 Attivita Tal-Milied 2023;

099.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;

099.6 Rapporti;

099.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

099.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Ġnien Raymond Caruana – progress
c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress
   Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

099.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

099.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għoxrin ta` filgħaxija (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 099.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiIji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kienx hemm ittri ta` apoloġija.

### 099.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva l-minuti nru 97/08 u 98/08 nem con

**099.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

099.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Skema SPI/SCI5/2023 dwar proġetti maġġuri li saru mill-Gvern, fejn il-Kunsill Lokali tal-Gudja kien ser jibbenifika minn dawn il-fondi sabiex isiru fanali ornamentali ġodda fi Triq Raymond Caruana.

099.3.2 Is-Sindku preżentat kwotazzjonijiet sabiex jinżabru siġar ta' Vjal it-Torri. Il-Kunsill approva l-irħas kwotazzjoni għal dan is-servizz.

099.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill kien bgħat korrispondenza lill-Animal Welfare sabiex jassisti lill-Kunsill dwar il-problema tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalita.

099.3.4 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill kien ser jintaqa' mad-Direttur Ġenerali tal-Edukazzjoni dwar l-użu tal-bitħa tal-iskola nhar is-17 ta' Ottubru 2023.

099.3.5 Is-Sindku preżentat korrispondenza li bgħat l-Arċipriet dwar il-kunċert tal-Milied għal din is-sena. Il-Kunsill qabel li jgħin finanzjarjament u talab sabiex tintbgħat is-somma li qed tintalab għal dan il-kunċert u liema spejjeż ser ikunu qegħdin ikopru (kwotazzjonijiet).

099.3.6 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-applikazzjoni dwar l-iskema ta` parkeġġ kienet intbgħatet minn naħa tal-Kunsill.

099.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li waqt laqgħa li kellha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv mas-Sur Ramon Deguara tal-Cleansing Unit , il-Kunsill ġie mgħarraf li fix-xahar ta` Novembru u Diċembru ser ikunu qegħdin isiru diversi xogħlijiet fil-lokalita kemm minn naħa tal-Cleansing Unit, TM, IM u l-Public Works. Il-Kunsill wkoll bgħat lista ta' xogħlijiet li jixtieq li jsiru f`dan il-programm ta` xogħlijiet.

099.3.8 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet mingħand persuna dwar scrap yard illegali fi Triq tal-Lampat. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-Awtorita tal-Ippjanar dwar dan il-każ.

099.3.9 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-Iskola St. Jean Antide sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament sabiex iħallas il-miżata ta` 15 Eur tan-Nature Trust (Eko Skola). Il-Kunsill qabel li din titħallas minn naħa tal-Kunsill.

099.3.10 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-Iskola Primarja tal-Gudja fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir Fund Raising mill-iskola. Bħala parti mill-attivitajiet, ser isir bike tour mill-istudenti stess lejn iż-żona Ta` Loreto. Il-Kunsill ġie mitlub jgħin billi jiffinanzja s-servizz tal-uffiċjali tal-LESA sabiex jassistu matul il-bike tour u kif ukoll sabiex nipprovdu snack lill-145 student. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

099.3.11 Is-Sindku għamlet referenza għall-attivita li ser titella’ mir-Reġjun Nofsinhar flimkien mall-Kunsill u l-Battlefront, fejn din l-attivita ser isir il-Ħadd 12 ta’ Novembru 2023. Għal din l-attivita` ser jiġu mistiedna l-għaqdiet tal-lokal sabiex jarmaw matul din l-attivita`. L-attivita` ser isir fl-area Ta’ Loreto.

099.3.12 Giet preżentata korrispondenza mingħand l-Arċipriet minħabba l-problema tal-parkeġġ ta` quddiem iċ-ċimiterju għaliex qed jispiċċaw jipparkjaw il-vetturi quddiem iċ-ċimiterju tal-Gudja. Dwar dan il-Kunsill qal li f`din iż-żona diġa` hemm tabelli u parkeġġ riservat għal karozzi tal-funerali.

099.3.13 Is-Sindku għamlet referenza għall-bandli fejn infurmat lil dawk preżenti li hemm bżonn tinbidel bandla fil-bandli tal-Ġnien R.Caruana. Is-Sindku talbet sabiex din tinbidel għal waħda ġdida u sabiex il-Kunsill japplika għall-fondi tal-DPF sabiex din titħallas minn dawn il-fondi. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

099.3.14 Is-Sindku għamlet referenza sabiex isir bollard fl-isqaq ta` Triq Santa Katerina, għal fatt li qegħdin jipparkjaw il-karozzi u jingħalaq l-aċċess għal min irid jagħmel użu mill-isqaq, speċjalment residenti. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Fuq dan l-istess sqaq

kien hemm diskussjoni sabiex isir railing pulit bħal ma kien hemm qabel ma saru x-xogħlijiet.

099.3.15 Il-kunsillier S Caruana propona wkoll li minflok railing jista` jsir xi arblu bi qsari dekorattivi. Preżentata korrispondenza dwar il-European Week for Waste Reduction. Is-Sindku preżentat kwotazzjoni ta' baskijiet organiċi li jisgħtu jintużaw bħala basktijiet ta` xiri. Dawn il-basktijiet jsiru bil-logo tal-Kunsill u jingħata wieħed lil kull residenza. Dawk preżenti qabblu ma` dan.

099.3.16 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ġie avviċinat minn individwu mill-Gudja li jixtieq jagħmel fitness classes fil-lokalita` fil-Ġnien R.Caruana. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni għal dan. Il-Kunsillier S Caruana propona li jintuża l-ground tal-ġnien R.Caruana u dan sabiex ma jtelliefx lil min ikun qed jagħmel użu mill-ġnien.

099.3.17 Is-Sindku proponiet sabiex il-petty cash ta` kull xahar titla` għas-somma ta` €200. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

099.3.18 Is-Sindku għamlet referenza għal korrispondenza li ntbagħtet mingħand resident dwar il-magna tal-BCRS fejn din qed tagħmel ċertu storbju speċjalment matul il-ħinijiet tal-mistrieħ. Is-Sinku żiedet tgħid li minn naħa tal-kumpanija li tieħu ħsieb dawn il-magni installat is-sound proofing ma` din l-istess magna biex jonqsu l-ħsejjes. Is-Sindku qalet wkoll li anke talbet lill-istess kumpanija sabiex matul il-lejl din il-magna tintefa.

099.3.19 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti dwar il-ħarġa kulturali li ser isir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Novembru ġewwa l-Belt Valletta.

099.3.20 Is-Sindku għamlet referenza talba li saret dwar ic-cctv camera fi Triq l-Annunzjata ma` Triq Santa Marija, fejn infurmat lil dawk preżenti li l-cctv tista` ssir biss fuq arblu għaliex it-talba tal-Kunsill ma ġietx milqugħa minn naħa tal-Arċipriet biex din titwaħħal mal-Knisja tal-Annunzjata.

099.3.21 Is-Sindku għamlet referenza għall-kamra li jagħmel użu minnha l-Kunsill fi Triq Ġlormu Cassar ma` Triq San Mark, fejn fil-preżent qed tintuża mill-kennies u anke jitpoġġew il-boroż tal-asphalt. Is-Sindku żiedet tgħid li hemm persuna li qed titlob sabiex din il-kamra tingħata lilu peress li ser tkun viċin propjeta li għadu kif għamel akkwist minnha. Is-Sindku żiedet tgħid li lil dan l-individwu kellmitu u tixtieq li tintaqa` miegħu sabiex isir ftehim bejn iż-żewġ partijiet għal ġid ta` tnejn. Waqt l-istess diskussjoni saret referenza għall-Ġnien il-Kmand mill-Kunsillier G Fenech fejn nforma lil dawk preżenti li ċ-ċens li jitħallas għal din il-propjeta wasal biex jgħalaq u għalhekk propona biex il-Kunsill ikellem lill-Lands Authority kif il-Kunsill jista` jagħmel akkwist ta` din il-propjeta biex tintuża bħala uffiċini tal-Kunsill.

**099.4 Attività tal-Milied 2023;**

Ġie preżentat il-poster tal-attivita` fejn kien hemm qbil minn dawk preżenti dwar l-aħħar disinn. Il-Kunsill qabel li jiġu pprintjati ħamsin poster A3 sabiex dawn jitqassmu fil-ħwienet tal-akkwati. Il-Kunsill S Caruana propona sabiex isir banner u jitwaħħal fil-bidu ta` Triq R.Caruana. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

Il-Kunsill qabel li għal matul l-attivita` tas-Sibt filgħaxija l-ewwel ikun hemm il-mass band miż-żewġ baned tal-lokal umbgħad ikun hemm l-ispettaklu fuq il-palk minn talent Gudjan u wara jagħlqu serata l-grupp li ser jiġi mistieden għal okazzjoni. L-attivita` tas-Sibt tiġi fi tmiemha għal ħabta tal-10.30pm.

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsill ser ikollu 15 -il stand disponibbli għal għaqdiet u għalhekk ser ikun qed jipprovdi żewġ stalls lil kull għaqda. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Il-Kunsill qabel li l-Ġnien R.Caruana jiġi mdawwal bil-fustun, u għalhekk il-Kunsill qabel li jitlob lill-Grupp Armar Santa Marija tibgħat kwotazzjoni għal dan il-fustun.

Is-Sindku proponiet sabiex għal matul il-ġurnata tal-Ħadd il-Kunsill jistieden lit-truck ta` demm fil-lokalita`. Is-Sindku proponiet sabiex il-quddiesa tal-Ħadd tal-10am tkun idedikata għat-tfal u l-familji u jingħata rigal żgħir għat-tfal kollha li jattendu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Għal ġurnata tal-Ħadd, il-Kunsill qabel li jitlob lill-għaqdiet jekk jixtiequx itellgħu xi attiviatjiet minn naħa tagħhom.

Ġew preżentati l-kwotazzjonijiet għas-servizz ta` ambulanza għal matul l-attivita`, fejn il-Kunsill appprova l-irħas kwotazzjoni.

Rigward it-tiżjin ta` dwal tal-Milied, il-Kunsill qabel li l-għaqdiet tal-lokalita` jarmaw l-istess toroq tas-sena l-oħra u jixegħlu mill-1 ta` Diċembru 2023 sas-6 ta` Jannar 2024.

**099.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;**

Dan l-item ma ġiex diskuss.

**099.6 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**099.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

099.7.1 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għall-parkeġġ li kellu jsir fejn l-iskola St. Jean Antide, fejn talab sabiex il-Kunsill jagħmel dawn ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat kull inkonvenjent li qed jinħoloq minħabba li qed isir parkeġġ mhux organizzat.

099.7.2 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għas-servizz tal-knis fejn irrimarka li hemm bżonn isir il-qtugħ ta` ħaxix fi Triq iż-Żebbuġa u fi Triq B`Buġia. Is-Sur Caruana talab sabiex tintbgħat il-lista ta` frekwenzi tal-knis lill-membri kollha tal-Kunsill.

099.7.3 Il-Kunsillier G Fenech staqsa jekk il-barriers fil-Ġnien R.Caruana kienux saru. Is-Sindku nfurmatu li dawn kienu saru.

**099.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

**a. Triq iż-Żebbuġa – progress**

**b. Ġnien Raymond Caruana – progress**

**c. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress**

**d. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress**

**Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Gholjiet and Sqaq il-Logga in Gudja**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-agudikazzjoni għas-sejħa tal-offerti sabiex isiru t-toroq rurali fil-Gudja kien ġie ffinalizat u l-aġġudikaturi proponew li sejħa għall-offerti tingħata lill-kumpanija The A Parks li sodisfat il-kriterji kollha kif mitlub. Is-Sindku żiedet tgħid li ser tkun qed titlob laqgħa mall-kuntrattur u l-perit sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt u jiġi mifthiem kif ser jinbeda xogħol f`dawn it-toroq.

**e. Proġett tal-Pjazza – progress**

Is-Sindku għamlet referenza għall-proġett tal-pjazza, fejn nfurmat lil dawk preżenti li xogħol kien beda billi qed isiru s-servizzi neċċessarji. Is-Sindku talbet sabiex isir laqgħa mall-perit u l-għaqdiet biex jiġu klarifkati l-aħħar affarijiet rigward l-armar tal-festi.

**f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**099.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 54/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-kunsillier G Fench u sekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €32,611,79 u ġiet approvata nem con.

**099.10** Tmiem tal-Laqgha

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u għoxrin ta' filgħaxija (8:20pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tlieta 7 ta' Novembru 2023 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 22 ta' Novembru 2023

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella Gafà | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |